2025/90929

25.11.2025

Rettifika tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2024/1351, it-22 ta' Mejju 2024)

1. Fil-paġna 16, l-Artikolu 2, il-punt (23),

minflok: "(23) 'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ' tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg fis-27 ta' April 1979;",

aqra: "(23) 'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ' tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg fis-27 ta' April 1979;".

2. Fil-paġna 20, l-Artikolu 7(4),

minflok: "4. L-appoġġ finanzjarju u operazzjonali mill-Unjoni, inkluż l-appoġġ operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tagħha għall-implimentazzjoni tal-obbligi, għandu jiġi pprovdut f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/1986, (UE) 2021/1147, (UE) 2021/2303 u, meta rilevanti, (UE) 2021/1148.",

aqra: "4. L-appoġġ finanzjarju u operazzjonali mill-Unjoni, inkluż l-appoġġ operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tagħha għall-implimentazzjoni tal-obbligi, għandu jiġi pprovdut f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/1896, (UE) 2021/1147, (UE) 2021/2303 u, meta rilevanti, (UE) 2021/1148.".

3. Fil-paġna 55, l-Artikolu 60(6),

minflok: "6. F'Jannar ta' kull sena mill-2025, u minn hemm 'l quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw lill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE l-livelli ta' kull miżura ta' solidarjetà implimentata matul is-sena preċedenti.",

aqra: "6. F'Jannar ta' kull sena mill-2027 u minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw lill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE l-livelli ta' kull miżura ta' solidarjetà implimentata matul is-sena preċedenti.".

4. Fil-paġna 57, l-Artikolu 63(6), l-ewwel subparagrafu,

minflok: "6. L-Istat Membru kontribwenti għandu jidentifika l-applikazzjonijiet individwali li għalihom jieħu responsabbiltà skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, u għandu jinforma lill-Istat Membru benefiċjarju, bl-użu tan-network ta' komunikazzjoni elettronika stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.",

aqra: "6. L-Istat Membru kontribwenti għandu jidentifika l-applikazzjonijiet individwali li għalihom jieħu responsabbiltà skont il-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Artikolu, u għandu jinforma lill-Istat Membru benefiċjarju, bl-użu tan-network ta' komunikazzjoni elettronika stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.".

5. Fil-paġna 58, l-Artikolu 63(8), il-punt (c),

minflok: "(c) il-limitu ta' żmien għat-trasferiment stabbilit fl-Artikolu 39(1) ikun għadu ma skadiex;",

aqra: "(c) il-limitu ta' żmien għat-trasferiment stabbilit fl-Artikolu 46(1) ikun għadu ma skadiex;".

6. Fil-paġna 67, l-Artikolu 83, l-ewwel paragrafu,

minflok: "Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2026.",

aqra: "Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 huwa mħassar b'effett mit-12 ta' Ġunju 2026.".

7. Fil-paġna 67, l-Artikolu 84(1),

minflok: "1. Fejn applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata wara l-1 ta' Lulju 2026, kwalunkwe avveniment li probabbli jinvolvi r-responsabbiltà ta' Stat Membru skont dan ir-Regolament għandu jittieħed inkonsiderazzjoni, anki jekk jipprečedi dik id-data.",

aqra: "1. Fejn applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata wara t-12 ta' Ġunju 2026, kwalunkwe avveniment li probabbli jinvolvi r-responsabbiltà ta' Stat Membru skont dan ir-Regolament għandu jittieħed inkonsiderazzjoni, anki jekk jipprečedi dik id-data.".

8. Fil-paġna 67, l-Artikolu 84(2),

minflok: "2. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali rreġistrata qabel l-1 ta' Lulju 2026 għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 604/2013.",

aqra: "2. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali rreġistrata qabel it-12 ta' Ġunju 2026 għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 604/2013.".

9. Fil-paġna 67, l-Artikolu 84(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafu,

minflok: "3. Sat-12 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u mal-Istati Membri, għandha tippreżenta pjan ta' implimentazzjoni komuni lill-Kunsill biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu mħejjija b'mod adegwat biex jimplimentaw dan ir-Regolament sal-1 ta' Lulju 2026, filwaqt li tivvaluta l-lakuni u l-passi operazzjonali meħtieġa, u tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

Abbażi ta' dak il-pjan ta' implimentazzjoni komuni, sat-12 ta' Diċembru 2024, kull Stat Membru għandu, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, jistabbilixxi pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali li jistabbilixxi l-azzjonijiet u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Kull Stat Membru għandu jlesti l-implimentazzjoni tal-pjan tiegħu sal-1 ta' Lulju 2026.",

aqra: "3. Sat-12 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u mal-Istati Membri, għandha tippreżenta pjan ta' implimentazzjoni komuni lill-Kunsill biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu mħejjija b'mod adegwat biex jimplimentaw dan ir-Regolament sat-12 ta' Ġunju 2026, filwaqt li tivvaluta l-lakuni u l-passi operazzjonali meħtieġa, u tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

Abbażi ta' dak il-pjan ta' implimentazzjoni komuni, sat-12 ta' Diċembru 2024, kull Stat Membru għandu, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, jistabbilixxi pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali li jistabbilixxi l-azzjonijiet u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Kull Stat Membru għandu jlesti l-implimentazzjoni tal-pjan tiegħu sat-12 ta' Ġunju 2026.".

10. Fil-paġna 68, l-Artikolu 85, it-tieni paragrafu,

minflok: "Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.",

aqra: "Għandu japplika mit-12 ta' Ġunju 2026.".